TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

56

CCT/192/13/S

Karen Bugeja
Vs
Clint Abela

Illum 13 ta'Marzu,2014.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Karen Bugeja pprezentata fit-8 t'Awwissu,2013 u r-risposta ta' Clint Abela pprezentata fis-16 t'Ottubru,2013;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom maghmula fit-13 ta'Frar,2014;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'mobile' li ttiehed ghat-tiswija u inghata lura 'mobile' iehor bi zball;

Illi l-eccezzjoni ta' nullita imressqa mill-intimat Clint Abela qed tigi michuda gjaladarba huwa stess kien jaf bl-ilment tar-rikorrenti tant li offra kumpens fil-forma ta' 'memory card 8GB' u l-'housing';

Illi fil-mertu jinghad mal-ewwel li hija responsabilita ta' kulmin jaccetta li jipprovdi servizz li jaghti dak is-servizz miftiehem u l-oggett li gie kkunsinjat lilu;

Illi hija responsabilita ta' dak li lilu gie fdat oggett li jkollu sistemi kif dawn l-oggetti ma jintilfux u jiehu hsiebhom qishom tieghu;[1]

Illi jidher bic-car li dan ma sarx mill-intimat Clint Abela;

Illi kif stabbilit fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili, kull persuna trid twiegeb ghal kull hsara li sehhet tort taghha kif ukoll ikun responsabbli kulmin ma juzax il-prudenza u d-diligenza ta' *bonus pater familias;*

Illi mill-provi prodotti, jirrizulta li t-talba ta' Karen Bugeja hija gustifikata;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Karen Bugeja u Jordna lil Clint Abela ihallas lil Karen Bugeja is-somma ta' €150, b'dan li Karen Bugeja ghandha taghti lura lil Clint Abela il-'mobile' li inghata lilha flimkien mal-'memory card 8GB' u l-'housing' u b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

---

[1] Ara decizjoni tal-Qorti tal-Appell moghtija fil-5 t'Ottubru,2001 fl-ismijiet **"APS Bank Limited vs Amalgamated Building Contractors Limited".**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888